6 ta' Mejju, 1947

Imħallfin:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., *A/President*;
L-Onor Dr. L.A. Camilleri, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà Tiegħu r-Re**

***versus***

**Kalċidonja Abdilla**

**Provi — Aċċess — Xhieda ta' l-Akkużat — Ko-Imputat — Art. 544 u 624 (4) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ix-xhieda li l-akkużat ikun ta fl-aċċess mingħajr ma jkun ġie mwissi li jista', jekk irid, ma jirrispondix għal mistoqsijiet li r-risposti għalihom jistgħu jittieħdu kontra tiegħu, ma hix produċibili fil-proċess plenari.*

*Barra minn dan, depożizzjoni mogħtija fl-aċċess mhix produċibili fil-proċess kwante volte x-xhud ma jistax jiġi riprodott fil-proċess plenarju.*

*Lanqas ma huma produċibili xhieda biex jirriferixxu dikjarazzjonijiet*

*li jkun għamel il-ko-imputat: l-ewwelnett għax jekk dak il-ko-imputat huwa produċibbli bħala xhud, allura għandu jinġieb huwa stess bħala xhud, mentri jekk mhux produċibbli ma jistgħux jinġiebu xhieda biex jgħidu dak li hu ma jistax jinġieb biex jgħid; u t-tieni nett, għax id-dikjarazzjonijiet ta' ko-imputat ma jistgħux jippreġudikaw ko-imputat ieħor, u għalhekk mhux sewwa li d-dikjarazzjonijiet tiegħu jiġu riferiti minn xhieda fil-proċess tal-ko-imputat akkużat.*

Il-Prosekuzzjoni għamlet ir-rekwiżitorja lill-ġurati. Waqt ir-rekwiżitorja l-Prosekuzzjoni riedet tagħmel riferenza għax-xhieda li Kalċidonja Abdilla tat fl-aċċess miżmum mill-Maġistrat;

Id-difiża kkontestat, u opponiet għal din ir-riferenza;

Il-Qorti, wara li l-punt ġie diskuss u trattat mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża, issospendiet it-trattazzjoni tal-proċess għal ftit minuti sabiex tagħti provvediment.

DIGRIET

Il-Qorti;

Fuq l-inċident..........;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fl-okkażjoni fuq imsemmija Kalċidonja Abdilla ġiet miġjuba bħala xhud;

Illi mill-kontest ta' dik ix-xhieda jidher ċar illi lil Abdilla ġew magħmula mistoqsijiet li r-risposti għalihom setgħu jinkriminawha, u ma jirriżultax li ġiet b'xi mod imwissija li, jekk riedet, setgħet ma tirrispondix għall-mistoqsijiet li r-risposti għalihom setgħu jippreġudikawha;

Illi għalhekk jidher raġjonevoli li wieħed jirritjeni li f'dik l-okkażjoni Kalċidonja Abdilla kienet "improperly questioned"; u għalhekk, anki skond il-prattika forensi Ingliża ċitata mill-Prosekuzzjoni, ix-xhieda tagħha f'dik l-okkażjoni ma hijiex ammissibili;

Illi minbarra dan, skond id-dispost kombinat ta' l-art. 642 (4) u art. 544 tal-Kap. 12, jidher illi d-depożizzjoni mogħtija f'aċċess hi produċibbli kwante volte x-xhud jista' jiġi riprodott

fil-ġudizzju plenarju—ħlief li ma hux possibili f'dana l-każ;

Għalhekk il-Qorti tiddikjara dik ix-xhieda mhix ammissibili, u tipprojbixxi kull riferenza għaliha.